**23 ta' Mejju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Albert J. Magri LL.D.**

Joseph Camilleri *noe*

*versus*

Joseph Vassallo Gatt *pro et noe*

## Soprasessjoni - Artikolu 965, Kap. 12

*Fl-artikolu 965 tal-Kap. 12 hemm imsemmija dawk il-kawżi li l-Qorti tissospendi t-trattazzjoni tagħhom sakemm tiġi deċiża kawża oħra u dawn il-każijiet huma kkunsidrati tant eċċezzjonali illi, kif jiddisponi l-istess artikolu, huma suġġetti għall-perikolu ta' deżunzjoni jekk kemm-il darba l-parti interessata ma tittentax biex fi żmien qasir tirravviva l-kawża sospiża. Dawn is-sospensjonijiet huma fakoltattivi għall-Qorti u mhux obbligatorji u jibqgħu dejjem aleatorji.*

Il-Qorti:-

Rat iċ-ċitazzjoni ppreżentata fil-25 ta' Marzu, 1996, li permezz tagħha l-attur *nomine*, wara li ppremetta illi huwa xtara u akkwista l-fond ossia lukanda bl-isem Da Vinci, ġewwa 48, Ball Street, Paceville, ġà proprjetà tal-konvenut *nomine*, meta l-istess lukanda ġiet illiberata favur tiegħu fl-atti tas-subbasta numru 1/95 fl-ismijiet P.L. Adrian Borg *noe vs* Joseph Vassallo Gatt, fil-5 ta' Ġunju, 1995; illi fis-27 ta' Ġunju, 1995, l-attur *nomine* kien, permezz ta' ċedola numru 149/95, ippreżentata mir-Reġistratur tal-Qorti, iddepożita l-prezz fir-Reġistru tal-Qorti; illi dan il-bejgħ u din il-liberazzjoni ġiet irreġistrata fir-Reġistru Pubbliku b'Nota ta' Iskrizzjoni numru 9091/95; illi l-attur *nomine* kien fil-pussess ossia l-kontroll ta' l-imsemmija lukanda bejn it-28 ta' Ġunju, 1995 u l-11 ta' Frar, 1996; illi

appuntu fil-11 ta' Frar, 1996, l-attur kien kostrett illi jiżgombra l-ambjenti kollha tal-lukanda in parola, joħroġ mill-imsemmija lukanda u jitlaqgħha f'idejn il-konvenut *nomine* u dana b'effett ta' sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-26 ta' Jannar, 1996 fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Vassallo Gatt** ***noe vs*** **Joseph Camilleri** ***pro et noe*** (Ċitazzjoni numru 951/95 App. Ċiv.) illi ordnat u kkundannat lill-istess attur *nomine* jagħmel appuntu dan in vista tal-fatt illi l-istess Onorabbli Qorti ta' l-Appell kienet iddeċidiet illi l-attur *nomine* kien ikkommetta spoll kontra l-konvenut *nomine* (attur f'dik il-kawża); illi għalhekk b'effett ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza fuq imsemmija, l-imsemmija konvenuti jew min minnhom jinsabu fil-pussess ossia kontroll tal-fond, ossia lukanda, fuq imsemmija, mingħajr ebda titolu fi-liġi; talab li din il-Qorti:

Tordna u tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex jiżgumbraw l-ambjenti kollha ta' l-imsemmi fond ossia lukanda bl-isem Da Vinci, ġewwa 48, Ball Street, Paceville u jitilqu l-istess f'idejn l-attur *nomine*;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tar-rikors għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenuti illi huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u b'riserva ta' kull dritt u azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta ppreżentata fis-6 ta' Novembru, 1996 li permezz tagħha eċċepiet illi t-talba attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-bejgħ in subbasta tal-proprjetà *de quo* huwa kkontestat fi proċeduri appositi u għalhekk mhux finali u kwindi l-pussess ta' l-istess m'għandux jgħaddi f'idejn l-attur *nomine*;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess soċjetà;

Rat il-verbal ta' l-udjenza tas-6 ta' Novembru, 1996 meta l-konvenut irrileva li in vista tal-proċeduri għall-annullament ta' l-atti tas-subbasta numru 1 ta' l-1995, din il-Qorti għandha tissoprasjedi f'dawn il-proċeduri;

Rat il-verbal ta' l-udjenza ta' l-10 ta' Marzu, 1997 meta l-kawża ġiet imħollija għall-provvediment fuq din it-talba;

Semgħet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

B'dawn il-proċeduri l-attur qed jitlob li jingħata l-pussess tal-fond ossia lukanda li ġġib l-isem Da Vinci ġo 48, Ball Street, Paceville, liema fond huwa kien akkwista in forza ta' proċeduri ta' subbasta numru 1/95 fl-ismijiet **P.L. Adrian Borg** ***noe vs*** **Joseph Vassallo Gatt**;

Il-validità ta' dawn l-atti tas-subbasta u konsegwentement il-liberazzjoni tal-fond fuq imsemmi favur l-attur odjern qed jiġu kkontestati mill-konvenut bi proċeduri separati u għalhekk il-konvenut qed jippretendi li, pendenti l-eżitu f'dawk il-proċeduri, din il-Qorti, f'dawn il-proċeduri, għandha tissoprasjedi u dan għar-raġunijiet ovvji sabiex l-attur ma jingħatax il-pussess ta' ħaġa li fi stadju ulterjuri jista' jkun hemm dikjarazzjoni li dik il-ħaġa mhijiex tiegħu;

Ikkunsidrat:

Illi l-eċċezzjoni ossia talba għas-soprasessjoni ġiet ikkunsidrata *in estenso* mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-

sentenza tagħha tat-12 ta' Awissu, 1994 fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence Cuschieri *vs* Onor. Prim Ministru**. F'dawk il-proċeduri li kienu jittrattaw dwar talba kostituzzjonali quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex din tordna, bħala rimedju, li l-Qorti tal-Maġistrati tissoprasjedi fil-proċeduri kriminali kontra Lawrence Cuschieri pendenti l-eżitu ta' proċeduri kostituzzjonali oħra konċernanti l-istess każ, l-istess Qorti Kostituzzjonali esprimiet ruħha hekk:

"L-eċċezzjoni ta' soprasessjoni fis-sens illi l-Qorti għandha tieqaf milli tkompli tisma' kawża bħala tali, fis-sistema tagħna mhijiex ikkontemplata, għaliex l-eċċezzjoni li l-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili - Kap. 12 jikkontempla, hija l-eċċezzjoni magħrufa bħala *lis alibi pendens* li però - kif jidher sewwa mill-artikoli 792 sa 794 - tirreferixxi għal dik is-sitwazzjoni ġuridika li tinħoloq: "Meta titressaq kawża quddiem Qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem Qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-Qorti l-oħra". Dan kif jgħid l-artikolu 792 tal-Kap. 12";

L-istess Qorti Kostituzzjonali iżda kompliet hekk:

"Hemm però, fl-artikolu 965 Kap. 12, imsemmija dawk il-kawżi li l-Qorti tissospendi t-trattazzjoni tagħha "sakemm tiġi deċiża kawża oħra" jew "sakemm xi waħda mill-partijiet tagħmel kawża oħra" u dawn il-kazijiet huma kkunsidrati tant eċċezzjonali illi - kif jiddisponi l-istess artikolu - huma soġġetti għal perikolu ta' deżerzjoni jekk kemm-il darba l-parti interessata, ma attentatx biex fi żmien qasir tirraviva l-kawża sospiża. Iżda jidher ċar li dawn is-sospensjonijiet huma **fakoltattivi** għall-Qorti u mhux **obbligatorji** u infatti jibqgħu dejjem apprezzabbilment aleatorji u għalhekk, appena ttollerati fis-sistema ġuridiku, tant illi din il-fakoltà ta' sospensjoni hija

msemmija f'dik il-parti tal-Kodiċi ta' Proċedura li tittratta **mid-deżerzjonijiet preżunti** tal-kawżi";

Illi tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq il-Qorti mhux ser tilqa' t-talba tal-konvenut billi ma tistax tiddisturba dak li *prima facie* huwa validu u vinkolanti. B'dawn il-proċeduri l-attur kull ma qed jitlob hu li jingħata effett għal-liberazzjoni favur tiegħu tal-fond mibjugħ bis-subbasta numru 1 ta' l-1995. U ċjoè li hu jieħu l-pussess ta' l-imsemmi fond *qua* proprjetarju tiegħu. Il-Qorti ma tarax raġuni valida għaliex għandha tissospendi s-smigħ tal-kawża u tippronunzja ruħha fuq it-talba attriċi billi anke fl-eventwalità ta' eżitu favorevoli għall-attur odjern f'dawn il-proċeduri, dan ma jipprekludix lill-konvenut li jieħu lura l-pussess tal-fond imsemmi, bil-mezzi li ttih il-liġi, kemm-il darba li dak li qed jiġi allegat minnu fi proċeduri separati jiġi aċċettat mill-Qorti;

Għar-raġunijiet fuq mogħtija l-Qorti tiċħad it-talba għas-soprasessjoni magħmula mill-konvenut u tordna l-kawża tipproċedi b'mod normali;

Spejjeż għall-konvenut.

---